# It-Tlettax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Minħabba l-għira tax-xitan li l-mewt daħlet fid-dinja.*

Għerf 1, 13-15; 2, 23-24

**Qari mill-Ktieb tal-Għerf**

13 Il-mewt mhux Alla għamilha;
u lanqas togħġbu l-qerda tal-ħajjin.
14 Hu ħalaq kollox biex jgħix;
għall-ħajja huma l-ħlejjaq tad-dinja,
m'hemmx fihom velenu tal-mewt.
Is-saltna tal-mewt ma taħkimx fuq l-art,
15 għax il-ġustizzja ma taqax taħt il-mewt.

23 Alla ħalaq il-bniedem biex ma jmutx,
u għamlu xbieha tiegħu nnifsu.
24 Bl-għira tax-xitan daħlet il-mewt fid-dinja;
u jafu xi tfisser dawk li huma tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 29 (30), 2.4.5-6.11.12a.13b

℟. (2a): Ngħollik, Mulej, għax erfajtni

2 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni,
u ma ferraħtx l-għedewwa tiegħi bija.
4 Mulej, tellajtli mill-mewt ’il ruħi,
ħlistni minn fost dawk li jinżlu fil-ħofra. ℟.

5 Għannu lill-Mulej, ħbieb tiegħu,
faħħru l-isem imqaddes tiegħu.
6 Għax ftit iddum is-saħna tiegħu,
iżda għomor sħiħ l-imħabba tiegħu.
Filgħaxija jidħol il-biki,
filgħodu jidwi l-għajjat ta’ ferħ. ℟.

11 Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija;
kun, Mulej, l-għajnuna tiegħi.
12 Int bdilt fi żfin l-għali tiegħi,
13 Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem! ℟.

# Qari II

*Iż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb għan-nieqes tal-aħwa li ma għandhomx.*

2 Kor 8, 7.9.13-15

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

[7]Ħuti, bħalma intom għonja f'kollox, fil-fidi u fil-kelma, fl-għerf u
fiż-żelu kollu, fl-imħabba li aħna rawwimna f'qalbkom, hekk
għandkom tistagħnu f'din il-ħidma ta' ħniena.

[9]Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani,
ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar
tiegħu.

[13]Mhux biex il-piż iħeff minn fuq l-oħrajn u jaqa' kollu fuqkom, imma
kulħadd indaqs. [14]Bħalissa ħallu ż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb
għan-nieqes ta' dawk li ma għandhomx, biex iż-żejjed tagħhom għad
ikun jista' jpatti għan-nieqes tagħkom. U hekk ikun kulħadd indaqs,
[15]bħalma hu miktub: «Min ġabar ħafna ma sabx iż-żejjed, u min ġabar
ftit ma baqax bin-nieqes.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Tim 1, 10

Hallelujah. R/. Hallelujah
Is-Salvatur tagħna Kristu Ġesù qered il-mewt,
u dawwal il-ħajja bla tmiem permezz tal-Evanġelju.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!*

Mk 5, 21-43

## Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, [21]wara li Ġesù raġa' qasam bid-dgħajsa għax-xatt
l-ieħor, waqt li kien ħdejn il-baħar inġabret madwaru kotra kbira
ta' nies. [22]U ġie wieħed mill-kapijiet tas-sinagoga, jismu Ġajru. Dan,
malli rah, inxteħet f'riġlejh, [23]u talbu ħafna u qallu: «Binti ż-żgħira
waslet fl-aħħar; ejja qiegħed idejk fuqha, ħalli tfiq u tgħix.» [24]U Ġesù
telaq miegħu, b'kotra kbira miexja warajh, kulħadd iross fuqu.

[25]U kien hemm mara li kienet ilha tnax-il sena sħaħ tbati bit-tnixxija
tad-demm. [26]Kienet batiet wisq taħt ħafna tobba, u nefqet kulma
kellha, u mhux biss ma swielha xejn, imma talli marret għall-agħar.
[27]Meta semgħet b'Ġesù, ġiet qalb il-folla, resqet minn warajh u
messitlu l-mantar, [28]għax qalet: «Jekk immiss imqar il-mantar tiegħu
nkun imfejqa.» [29]F'daqqa waħda t-tnixxija tad-demm waqfitilha, u
ġewwa fiha ħasset li kienet fieqet mill-marda tagħha.

[30]Ġesù minnufih intebaħ bil-qawwa li ħarġet minnu, u dar lejn
il-kotra u staqsa: «Min messli l-mantar?» [31]Id-dixxipli tiegħu qalulu:
«Qiegħed tara dawn in-nies kollha jrossu madwarek, u tistaqsi: "Min
messni?"» [32]Hu beda jħares madwaru biex jara jilmaħx lil dik li kienet
għamlet dan. [33]Imbagħad il-mara, tirtogħod bil-biża' għax għarfet
x'kien ġralha, resqet, inxteħtet f'riġlejh u stqarritlu s-sewwa kollu. U
qalilha: [34]«Binti, il-fidi tiegħek fejqitek; mur bis-sliem, u kun imfejqa
mill-marda tiegħek.»

[35]Kif kien għadu jitkellem, waslu xi wħud mid-dar tal-kap
tas-sinagoga u lil dan qalulu: «Bintek mietet; għalfejn tħabbtu iżjed
l-Imgħallem?» [36]Iżda Ġesù sama' x'kienu qegħdin jgħidu, u qal
lill-kap tas-sinagoga: «Tibżax, biss inti emmen.» [37]U ma ħalla lil ħadd
imur miegħu ħlief lil Pietru, lil Ġakbu, u lil Ġwanni, ħu Ġakbu.

[38]Waslu d-dar tal-kap tas-sinagoga, u ra storbju sħiħ u nies jibku
u jixhru. [39]Daħal, u qalilhom: «Dan l-istorbju kollu u dan il-biki
għalfejn? It-tfajla mhijiex mejta, imma rieqda.» [40]U qabdu jiddieħku
bih. Imma hu keċċiehom ilkoll 'il barra, ħa miegħu lil missier
it-tfajla u lil ommha u lil dawk li kienu miegħu u daħal fejn kienet
it-tfajla. [41]Qabdilha idha, u qalilha: «Talitha, qum!» – jiġifieri: «Tfajla,
qiegħed ngħidlek, qum!» [42]Minnufih it-tfajla qamet u qabdet timxi;
għax kellha tnax-il sena. U baqgħu miblugħin bil-għaġeb. [43]U hu
wissiehom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd, u qalilhom
jagħtuha tiekol.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma qasira*

## Evanġelju

***Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!***

Mk 5, 21-24.35b-43

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, [21]wara li Ġesù raġa' qasam bid-dgħajsa għax-xatt
l-ieħor, waqt li kien ħdejn il-baħar inġabret madwaru kotra kbira
ta' nies. [22]U ġie wieħed mill-kapijiet tas-sinagoga, jismu Ġajru. Dan,
malli rah, inxteħet f'riġlejh, [23]u talbu ħafna u qallu: «Binti ż-żgħira
waslet fl-aħħar; ejja qiegħed idejk fuqha, ħalli tfiq u tgħix.» [24]U Ġesù
telaq miegħu, b'kotra kbira miexja warajh, kulħadd iross fuqu.

[35]U waslu xi wħud mid-dar tal-kap tas-sinagoga u lil dan qalulu:
«Bintek mietet; għalfejn tħabbtu iżjed l-Imgħallem?» [36]Iżda Ġesù
sama' x'kienu qegħdin jgħidu, u qal lill-kap tas-sinagoga: «Tibżax,
biss inti emmen.» [37]U ma ħalla lil ħadd imur miegħu ħlief lil Pietru, lil
Ġakbu, u lil Ġwanni, ħu Ġakbu.

[38]Waslu d-dar tal-kap tas-sinagoga, u ra storbju sħiħ u nies jibku
u jixhru. [39]Daħal, u qalilhom: «Dan l-istorbju kollu u dan il-biki
għalfejn? It-tfajla mhijiex mejta, imma rieqda.» [40]U qabdu jiddieħku
bih. Imma hu keċċiehom ilkoll 'il barra, ħa miegħu lil missier
it-tfajla u lil ommha u lil dawk li kienu miegħu u daħal fejn kienet
it-tfajla. [41]Qabdilha idha, u qalilha: «Talitha, qum!» – jiġifieri: «Tfajla,
qiegħed ngħidlek, qum!» [42]Minnufih it-tfajla qamet u qabdet timxi;
għax kellha tnax-il sena. U baqgħu miblugħin bil-għaġeb. [43]U hu
wissiehom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd, u qalilhom
jagħtuha tiekol.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu